20 ta' Frar, 1952.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Philip Agius ne. *versus* Avukat Dr. Joseph A. Micallef et. ne.**

## Proċedura — Preskrizzjoni — "Lex Fori" — "Lex Loci Contractus".

*Huwa prinċipju ta' Dritt Internazzjonali Privat, aċċettat mid-dottrina u ġurisprudenza Ingliża, li materji ta' proċedura huma regolati mil-"Lex Fori"; u fost dawn il-materji proċedurali hemm il-preskrizzjoni. U dan il-prinċipju huwa wkoll aċċettat mit-tribunali lokali.*

*Għaddaqstant l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' azzjoni bażata fuq kuntratt li sar f'pajjiż ieħor għandha tiġi regolata mil-liġijiet ta' Malta, u mhux mil-"Lex Loci Contractus".*

Il-Qorti, — Rat is-sentenza tagħha in parte tat-2 ta' Ottubru 1951, li biha ġiet deċiża l-eċċezzjoni tad-difett ta' ġurisdizzjoni (kopja fol. 15), u li fiha hemm ir-riassunt tad-domanda u ta' l-eċċezzjonijiet;

Rat il-verbal fol. 19, li fih il-kuratur i konvenuti ssollevaw preġudizzjali oħra fis-sens li l-kwistjoni għandha tiġi regolata bil-Liġi Taljana ("lex loci contractus");

Rat il-verbal fol. 25, li bih ġie ordnat lill-kuraturi jiddikjaraw speċifikatament liema kwistjonijiet, fil-fehma tagħhom, għandhom jiġu regolati bil-Liġi Taljana;

Rat in-nota ta' l-istess kuraturi fol. 30, li fiha ddikjaraw illi l-kwistjoni li għandha tiġi regolata bil-Liġi Taljana hija dik tal-preskrizzjoni;

Ikkunsidrat;

Hu prinċipju ta' Dritt Internazzjonali Privat, aċċettat mid-dottrina u ġurisprudenza Ingliża, li materji ta' proċedura huma regolati bil-"Lex Fori". Fost dawn il-materji proċedurali hemm il-preskrizzjoni (ara Hibbert, Intern. Priv. Law, page 148). Ġie ritenut fil-kawża "Huber vs. Steiner" (1835, 2 Bing. N.C. 202), illi "a debt barred by the law of the place where contracted, but not by English Law, could be recovered here". Fil-kawża "Alliance Bank of Simla vs. Carey" (1880, 5 C.P.D. 429) ġie ritenut illi "a contract made in a country where the distinction between specialty and simple contracts was not observed was governed, 'as regards statutes of limitation', in an action in England by the English Law relating to specialty debts". L-istess igħid il-Westlake (Priv. Intern. Law. p. 329) :— "An action can be brought in England on a contract or tort, so long as an obligation would not have been barred by the English Statute of Limitations, notwithstanding that the obligation which in fact resulted from it had been barred according to its proper law — 'lex loci contractus', or 'solutionis', or 'lex loci delicti commissi' ";

Fit-trattat tiegħu "De Conflictu Legum", l-awtur Huber igħid li l-preskrizzjoni għandha tkun regolata mill-"Lex Fori"; u josserva :— "Ratio haec est quod praescriptio et

executio non pertinet ad valorem contractus, sed ad tempus et modum actionis instituendae, quae per se quasi contractum separatumque negotium constituit";

Ta' l-istess opinjoni hu l-awtur ċitat fin-nota ta' l-attur fol. 24, kif ukoll id-Dicey, Conflict of Laws, Rule 188, Procedure, u l-Pollock, Principles of Contract, 1894 edition, p. 627;

Din hi l-opinjoni abbraċċjata mit-tribunali lokali. "La prescrizione estintiva", qal l-Imħallef Dr. Debono fil-kawża "Page vs. Dr. Naudi", Kummerċ 27 ta' Mejju 1893, "è regolata dalla legge del luogo dove si propone la domanda";

Il-ġurisprudenza Franċiża. diskordi mid-dottrina Taljana, tafferma, almenu fil-biċċa l-kbira, il-prinċipju tad-dottrina u l-ġurisprudenza Ingliża. Igħidu l-awturi Turnville & Arthuy's "Droit International Privè", no. 272, illi l-Qrati Franċiżi "decide, si non toujours, du moins assez volontiers, que la loi qui fixe la prescription liberatoire est.......... d'une maniere generale la 'lex fori', c'est-à-dire la loi du pays de juge competemment saisi de la poursonitè";

L-Imħallef sedenti hu ta' opinjoni li għandu jsegwi d-dottrina u l-ġurisprudenza Ingliża, kif ġa għamel l-Imħallef Dr. Debono fis-sentenza fuq ċitata; u jżid illi waħda mill-konsiderazzjoni iet li tinduċih isegwi din l-opinjoni tikkonsisti fir-rifless illi fis-sistema tal-Liġi Maltija, il-preskrizzjoni liberatorja hija attinenti mhux għas-sustanza ta' l-obligazzjoni, imma għall-azzjoni. Infatti l-art. 1188 Kodiċi Ċivili, Kap. 23. isemmi s-seba' modi ta' estinzjoni ta' l-obligazzjonijiet, u fosthom ma jikkomprendix il-preskrizzjoni, għalkemm isemmi l-preskrizzjoni biss in vija ta' riżerva ta' l-effetti tagħha ("saving the effects of the resolutive condition and those of prescription..........."). Mhux biss, imma l-art. 2212 tal-Kodiċi jiddefinixxi "expressis verbis" il-preskrizzjoni liberatorja bħala mezz sabiex wieħed jeħles minn "azzjoni". Hu loġiku, kwindi, fil-fehma ta' l-Imħallef sedenti, illi l-preskrizz'oni, ġaladarba hija attinenti ma' l-azzjoni, għandha taqa' taħt ir-regola li f'materja ta' azzjoni għandha tirbaħ il-"lex fori";

Għalhekk din il-Qorti, fuq il-preġudizzjali sollevata, tiddeċidi u tiddikjara illi, għall-finijiet tal-preskrizzjoni libera-

torja, għandha tapplika l-liġi ta' dawn il-Gżejjer, ċjoè l-"Lex Fori"; bl-ispejjeż kontra l-kuraturi konvenuti;

Il-kawża tibqa' aġġornata għall-udjenza tat-12 ta' Marzu 1952, għall-kontinwazzjoni.